16 ta' Marzu, 1950.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Rocco Bugeja *versus* George Micallef

**Azzjoni "de in rem verso" — Meta Hija Esperibili.**

*L-azzjoni "de in rem verso" hija esperibili biss meta mhix esperibili l-azzjoni "ex contractu"; u għalhekk, meta l-attur għandu l-azzjoni "ex contractu" kontra d-debitur, huwa ma jistax jagħmel kontra ħadd ieħor bl-azzjoni "de in rem verso".*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtiega, billi l-konvenut inkassa mill-proprjetarju s-somma ta' £12. 4. 0 li kienet spettanti lilu għal xogħlijiet ta' ġebel li dan għamel fil-bini ġdid Canonico Bonnici Street, il-Ħamrun, u billi, non ostanti li ġie interpellat, sal-lum għadu ma ħallasx, il-konvenut jkun kundannat iħallsu s-somma ta' £12. 4. 0, import ta' l-imsemmi xogħol, lilu dovut għar-raġunijiet fuq imsemmija. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jeżerċita l-azzjoni "de in rem verso", in kwantu jippretendi illi l-konvenut, meta tħallas minn għand sid il-post, daħħal anki l-flus ta' xogħol li kien għamel l-attur;

Illi, kif inhu paċifiku fil-ġurisprudenza u d-dottrina, l-azzjoni fuq imsemmija hi *eżerċibili* meta l-azzjoni "ex contractu" ma hijiex esperibili — "Mizzi vs. Gatt", P.A. 22 ta' Jannar 1901 — App. "Scicluna ne. vs. Watson ne." 15 ta' Lulju 1901. L-Avukat Vittorio Mori, Professur ta' l-Università ta' Ruma, li studja partikolarment din l-azzjoni, hekk kiteb fit-test tiegħu "L'actio de in rem verso nel Diritto Romano ed Italiano", paġ. 121, para. 106:— "La azione si ammette in tutti i casi in cui il patrimonio di una persona, senza causa legittima, si arricchisce a pregiudizio di qualcheduno che per ripetere ciò che gli appartiene non ha azione dipendente da contratto, quasi contratto, da delitto o quasi delitto". L-istess hi l-opinjoni ta' l-Aubry et Rau, VI, para. 578. Ikompli jgħid:— "L''actio de in rem verso' è un mezzo speciale, particolare, sussidiario, che si accorda in mancanza di altra tutela, quando al danneggiato non compete altro rimedio di-

pendente da contratto o quasi contratto". L-awtur igħid li din hi l-opinjoni preferita mill-ġurisprudenza;

Illi l-attur kien imqabbad minn sid id-dar, sija pure bħala assoċjat ma' Fisani; u għalhekk għax-xogħol li għamel l-attur għandu l-azzjoni "ex contractu" kontra s-sid. Jekk is-sid ħallas indebitament xi somma lill-konvenut, jaraħa mal-konvenut in linea ta' ripetizzjoni ta' indebitu, "si et quatenus";

Illi, ġaladarba u sakemm l-attur għandu azzjoni "ex contractu" kontra sid il-post li inkarikah bix-xogħol, għalhekk ma tikkompetix lilu l-azzjoni "de in rem verso";

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi;

Billi tiċħad id-domanda kif proposta, bl-ispejjeż kontra l-attur; salvi drittijiet oħra kontra tiegħu "si et quatenus" kontra ħadd ieħor.

---